MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 399/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Rapa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Rapa talli f'dawn il-Gzejjer, partikolarment f'San Pawl il-Bahar, fit-3 ta' Awissu, 2001 u matul ix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

(1) Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' diversi persuni, fosthom Carmen Zina Dimech u Irina Tutereva;

(2) Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' parti minnhom li huma jiffrekwentaw jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

(3) Bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond bl-isem Flat Nru 7 f'Marouska Flats, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, xjentement ta b'kiri jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skopijiet ohra immorali;
(4) B'hekk irrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta' Dicembru 1999 u tas-27 ta' Jannar 1999, u aktar talli ikkometta reat iehor waqt terminu operattiv ta' sentenza sospiza, moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Settembru 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Rapa hati ta' l-ewwel imputazzjoni, mhux hati tat-tieni imputazzjoni li minnha lliberatu, hati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 18, 49 u 50, 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 10 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal sentejn prigunerija ghar-reati taht il-Kap. 63 filwaqt li rrendiet operattiva s-sentenza sospiza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fis-7 ta' Settembru 2000 li permezz taghha l-imsemmi Anthony Rapa kien gie kkundannat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u ordnat li dik is-sentenza ghandha tibda ssehh;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Rapa pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tat-tieni imputazzjoni u li minnha illiberatu, thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal l-ewwel, t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija jew piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, u minflok tigi imposta piena aktar gusta u ekwa ghal kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. (2) It-tielet imputazzjoni hi kompriza fl-ewwel imputazzjoni u dan ghandu jigi rifless fil-piena. (3) Ai fini tar-recidiva, ma ngabet l-ebda prova li s-sentenza esebita mill-prosekuzzjoni saret definittiva. (4) Is-sentenza esebita a fol. 139 *et seq.* hija nulla.

L-aggravju principali ta’ l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. In materja ta’ apprezzament ta’ provi, pero`, gie kostantement ritenut li huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice**

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** imbaghad naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether**

---

**Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, l-appellant jghid, b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni, li ma ngabet l-ebda prova li huwa ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni, u dan peress illi ma ngabitx prova li huwa rcieva xi hlas ghal xi atti sesswali maghmula minn Carmen Zina Dimech u Irina Tutereva. Jghid li fir-rigward ta' Irina Tutereva, din titkellem biss bir-Russu u ghalhekk jezisti dubju ragjonevolment serju fir-rigward tal-fatt li huwa taha xi struzzjonijiet.

Imbaghad b'referenza ghat-tielet imputazzjoni, l-appellant jghid li ma ngabux provi li l-allegati atti sesswali saru fl-appartament numru 7, Marouska Flats, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar u, jekk saru, huwa ma kienx jaf x'qieghed isir. Fiz-zmien in kwistjoni huwa kien mizzewweg ma' mara Russa li kienet tabita fl-istess appartament u huwa ma kellux xi kontroll assolut tul il-hinijiet kollha tal-gurnata ta' l-inkontri li allegatament kien ikollha martu f'dan l-appartament. Inoltre x-xhieda Albert Ciantar u Michael Cassar Torreggiani ma identifikawx l-

appartament imsemmi filwaqt li l-Pulizija ma rawhomx dehlin u hergin mill-appartament in kwistjoni izda minn blokk ta' appartamenti.

Din il-Qorti sejra tirreferi l-ewwel ghax-xiehda li Irina Tutereva tat quddiem l-ewwel Qorti. Din ix-xhud spjegat kif xi hadd kien qalilha li setghet taghmel ftit flus Malta fil-prostituzzjoni. Kienet giet Malta fejn laqghetha certa Milena, mart l-appellant, li haditha d-dar ta' l-appellant. L-ghada filghaxija marru f'bar biex l-irgiel ikunu jistghu jarawha u jekk xi hadd kien jesprimi x-xewqa, kienet tmur mieghu fl-appartament ghas-sess. L-irgiel kienu jtuha Lm15 li minnhom hi kienet izzomm Lm6 u l-kumplament tghaddihom lill-appellant. Inghatat struzzjonijiet li kellha ddum nofs siegha ma' kull klijent. L-appellant kien taha c-cwievet ta' l-appartament u kultant kienet izzommhom hi u kultant tirritornahomlu. Kienet ilha taghmel dan ix-xoghol ma' l-appellant mit-18 ta' Gunju (giet arrestata mill-Pulizija bejn it-3 u l-4 ta' Awissu 2001), kienet tahdem kuljum u kien ikollha xi tliet klijenti kuljum. Fl-istqarrija li ghamlet lill-Pulizija, fil-parti li hija kkonfermat bhala l-verita`, qalet hekk: *"Me and Milena would sit at the bar, The Trickles, and whoever wanted to have sex with me, I would go to the apartment with them. The client would go to either Anthony or Milena, and they would tell me what to do. They used to tell me not to stay more than thirty minutes with a client, to charge Lm15, sometimes Lm20, not a fixed rate. I used to get Lm6 from the amount each client paid."*

Mix-xiehda taghha jirrizulta abbondantement li l-appellant kien jircievi flus minghand Irina Tutereva ghall-prostituzzjoni taghha ma' l-irgiel fl-appartament ta' l-istess appellant. Ghalhekk jista' jitqies irrilevanti jekk l-appellant tax struzzjonijiet lill-imsemmija Tutereva. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju pero` li setghu jikkomunikaw peress illi meta Irina Tutereva giet mistoqsija mill-Pulizija kif ikkomunikat ma' l-appellant hija wiegbet: *"Half in English and half gesticulating."* Barra minn hekk mart l-appellant hi Russa u ma hemm l-ebda allegazzjoni li ma kinitx taf bl-Ingliz u ghalhekk certament setghet facilment tagixxi bhala interpretu. Jirrizulta wkoll li Irina Tutereva

kienet qed tabita fl-appartament ta' l-appellant u hija ma tghidx li kienet tipprostitwixxi ruhha f'xi appartament differenti minn dak li kienet qed tirresjedi fih, izda tghid li kienet tmur mal-klijenti "to the apartment" jew "il-flat".

Mix-xiehda ta' W.P.C. 104 Amanda Xuereb, P.S. 797 George Cremona, P.C. 825 Joe Filletti u l-Ispettur Sharon Tanti imbaghad jirrizulta li l-Pulizija kienet qed taghmel osservazzjonijiet proprju tal-blokk appartamenti Marouska Flats fi Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar u li wara li giet mizmuma Irina Tutereva meta harget minn dan il-blokk fil-kumpanija ta' certu Albert Ciantar, sabu fil-pussess taghha c-cwievet ta' l-appartament numru 7 li fih il-Pulizija telghu jaghmlu tfittxija u liema appartament irrizulta li kien ta' l-appellant.

Din il-Qorti sejra issa tirreferi ghax-xiehda ta' Carmen Zita Dimech. Din ix-xhud qalet li xi hadd kien laqqaghha ma' l-appellant f'hanut sabiex tibda tmur hemm bi skop ta' prostituzzjoni. Qalet li l-appellant kien jislifha "l-flat", "jikrihulha qisu", hames liri meta tuzah u kienet tmur xi darbtejn fil-gimgha u kull darba xi darbtejn jew tlieta. Kull ragel li tmur mieghu fil-flat kienet tehodlu Lm15 li minnhom izzomm ghaxar liri u taghti hamsa lill-appellant. Skond din ix-xhud kien hemm nisa ohra Russi li kienu jaghmlu l-istess xoghol bhalha fl-istess flat. Gieli kien jghidilhom "iddumux". Meta laqqghuha ma' l-appellant, huwa qallha li kellu tliet Russi u xtaq li jkun hemm Maltija ghall-istess skop ta' prostituzzjoni u hija accettat. Hu kien qallha biex izzomm hmistax-il lira, ghaxra ghaliha u hamsa ghall-kamra. Ix-xhud qalet ukoll illi meta hi kienet tkun il-flat, gieli kien ikun hemm tfajla ohra tuza kamra tas-sodda ohra ghall-istess xoghol. Hija gharfet ic-cwievet esebiti mill-Ispettur Sharon Tanti bhala dawk li kien jislifha l-appellant ta' l-imsemmi flat. Jirrizulta li dawn ic-cwievet kienu gew elevati mill-Pulizija mill-baskett taghha fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Awissu 2001 meta l-imsemmija Dimech twaqqfet minnhom meta harget flimkien ma' Michael Cassar Torreggiani mill-blokk appartamenti li kien qieghed jinzamm taht osservazzjoni.

Dak li qalu x-xhieda principali Irina Tutereva u Carmen Zita Dimech ma gie bl-ebda mod kontradett. Ix-xiehda ta' Albert Ciantar u ta' Michael Cassar Torreggiani tikkorrobora dak li qalu l-imsemmijin zewg xhieda dwar ir-raguni ghaliex dawn l-irgiel kienu fil-kumpanija ta' dawk ix-xhieda rispettivament. Ix-xiehda tad-diversi membri tal-korp tal-Pulizija mbaghad hi cara u inekwivoka dwar ic-cirkostanzi li eventwalment waslu biex jittiehdu dawn il-proceduri kontra l-appellant. Huwa evidenti li d-difiza ppruvat ixxejjen il-kredibilita` ta' Tutereva u ta' Dimech. U ghalhekk din il-Qorti sejra tirreferi wkoll ghal dak li qalet l-ewwel Qorti f'dar-rigward stante li hija kellha l-opportunita` <u>li tara u li tisma'</u> x-xhieda kollha:

**"Illi din il-Qorti kienet f'pozizzjoni illi tevalwa l-imgieba tax-xhieda u l-manjiera li biha taw it-testimonjanza taghhom dawn iz-zewg nisa u kellha l-opportunita` li tapprezza l-biza' tremenda u tangibbli li dawn in-nisa kellhom mill-imputat. Ir-riluttanza taghhom fil-bidu tax-xhieda taghhom li hija riflessjoni biss ta' din il-biza'. Illi ghaldaqstant din il-Qorti, ai termini ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 9, tqis illi x-xiehda taghhom hija wahda kredibbli. Illi inoltre, il-fatti u d-dettalji li taw dwar l-istruzzjonijiet li hadu minghand l-imputat dwar kif kellhom igibu ruhhom mal-klijenti, dwar kemm kellhom jiehdu flus minghand il-klijenti, huma verosimili u konsistenti."**

Din il-Qorti sejra wkoll taghmel referenza ghas-segwenti bran mis-sentenza appellata:

**"Illi x-xiehda ta' Tutereva u ta' Zina Dimech tiddimostra l-fatt illi l-imputat kien jghix f'dan il-flat ma' martu, u li kien <u>hu</u> li ppermetta lil Tutereva u Zina Dimech juzaw il-flat ghall-prostituzzjoni u li rceva sehmu mir-riavat tal-prostituzzjoni. Il-fatt li mart l-imputat kienet tikkoabita mal-imputat bl-ebda mod ma tnaqqas jew ixxejjen il-kontroll evidenti tal-imputat."**

Wara li din il-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet fuq esposti, ma tistax hlief tghid li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tikkonkludi kif ikkonkludiet. Anzi din il-Qorti tikkondividi pjenament tali konkluzjonijiet.

Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet ta' l-appellant u hi tal-fehma li, stante r-rizultanzi, iz-zewg reati li taghhom instab hati ghandhom jitqiesu separatament s'intendi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9.

Permezz tat-tielet aggravju tieghu l-appellant isostni illi ma ngabet l-ebda prova li s-sentenza esebita mill-prosekuzzjoni bhala prova ta' l-imputazzjoni dwar recidiva hija sentenza li saret definittiva.

Issa, is-sentenza in kwistjoni – dik tad-29 ta' Jannar 1999 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Dok. SG a fol. 147 – 154) – hi vera kopja li giet esebita fis-7 ta' Mejju 2003 mill-Ispettur Stephen Gatt li kkonferma li jaghraf lill-appellant bhala wiehed mill-imputati msemmija f'dik is-sentenza. Hija din is-sentenza li giet esebita mill-prosekuzzjoni bhala prova tar-recidiva. Jekk l-appellant qieghed jallega li din is-sentenza mhijiex definittiva, tali prova jmissu ghamilha hu. Fin-nuqqas, is-sentenza esebita mill-Ispettur Stephen Gatt ghandha titqies bhala wahda definittiva. Konsegwentement dan l-aggravju huwa respint.

Fl-ahharnett l-appellant jghid illi s-sentenza esebita bhala prova tal-fatt li l-appellant ikkommetta r-reati odjerni waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, hija nulla peress illi ma gewx indikati l-artikoli li jistabilixxu r-reat u dan ghaliex gew indikati l-artikoli 3(1A) u 9(1) tal-Kap. 9 meta kellu jigi ndikat il-Kap. 66.

Is-sentenza li ghaliha qieghed jirreferi l-appellant hi dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Settembru 2000 (Dok. DS a fol. 139 – 144) u li giet esebita mill-Ispettur David Saliba. Dik is-sentenza hi wkoll wahda definittiva, u l-appellant ma jistax jippretendi li, seba' snin wara li nghatat, iressaq aggravju dwar l-allegata nullita` taghha. Dan mhuwiex appell minn dik is-sentenza. Fi kwalunkwe kaz huwa evidenti li l-fatt li ssemma' l-Kap. 9 minflok il-Kap. 66 wara l-artikoli kien biss *lapsus calami* ossia *lapsus computeri*. Difatti fis-

sentenza stess jinghad (fit-tieni pagna): **“Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Antoine Rapa huma bazati fuq ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 66 ….”** Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

Kwantu ghall-piena jridu jsiru s-segwenti osservazzjonijiet. Il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hi dik ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn, filwaqt illi dik dwar it-tielet imputazzjoni hi ta’ prigunerija minn xahar sa sitt xhur. Jigifieri l-piena massima hi ta’ sentejn u tliet xhur li tista’ tizdied b’grad minhabba r-recidiva u minn grad sa zewg gradi minhabba r-reat kontinwat. Ghalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi decizament entro l-parametri tal-ligi u, dato s-serjeta` tar-reati, ma tisthoqq l-ebda temperament.

L-ewwel Qorti pero` ordnat il-bidu fis-sehh tas-sentenza sospiza ta’ sena prigunerija moghtija bis-sentenza precitata tas-7 ta’ Settembru 2000. Dak li sfugga lill-ewwel Qorti pero` huwa l-fatt li meta sehhew ir-reati odjerni, is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 28E tal-Kap. 9 kien ghadu ma thassarx. Dan fil-fatt thassar permezz ta’ l-Att III tas-sena 2002. Meta sehhew ir-reati odjerni fit-3 ta’ Awissu 2001 u x-xhur precedenti, is-subartikolu (2) imsemmi kien ghadu vigenti u kien jipprovdi hekk:

**“Meta l-qorti li tkun qeghda tittratta mal-hati dwar sentenza sospiza li tkun ghadha ma bdietx issehh, taghmel ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 28B, u l-qorti tkun il-Qorti Kriminali jew l-istess qorti lit kun ghamlet l-ordni ghal sentenza sospiza, dik il-qorti ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 17 u taghti zmien wiehed ta’ prigunerija skond dawk id-disposizzjonijiet ghar-reat originali u ghar-reat l-iehor.”**

Skond il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 17 tal-Kap. 9, persuna hatja ta’ zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta` personali, tigi kkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien. Fil-

kaz odjern ghalhekk, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 skond l-artikolu 28E(2) kif kien vigenti, l-appellant seta’ jigi kkundannat biss ghal minn terz sa nofs tas-sena prigunerija li kienet giet nflitta bis-sentenza precitata tas-7 ta’ Settembru 2000. Kwindi se jkun hemm temperament fil-piena f’dan is-sens.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal tliet snin prigunerija komplessivament, u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 a tenur ta’ l-artikolu 28E(2) tal-Kap. 9 kif vigenti fi zmien ir-reati odjerni tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu komplessiv ta’ sentejn u sitt xhur, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------